

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 27.11.2007
KUMM(2007) 756 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT
EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**Is-sitt rapport dwar it-thejjijiet prattiċi għat-
tkabbir futur taż-żona ta' l-euro**

{SEK(2007) 1574}

1. INTRODUZZJONI

Wara d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' l-10 ta' Lulju 2007 li Ċipru u Malta jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni ta' l-euro fl-1 ta' Jannar 2008¹, fiż-żewġ pajjiżi bħalissa qed jiġu kompletati t-tnejjiet prattiċi għall-introduzzjoni ta' l-euro. Dan ir-rapport jindirizza dawn it-tnejjiet finali, b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-flus kontanti ta' l-euro fl-ekonomija, l-istat tat-tnejjiet tas-settur privat kif ukoll l-istat ta' l-opinjoni pubblika dwar l-euro f'Ċipru u f'Malta.

Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni mehmuż jipprovdi aktar dettalji tekniċi dwar it-tnejjiet fiż-żewġ pajjiżi u fl-Istati Membri l-oħra konċernati.

Ir-rapport isegwi ħames rapporti dwar l-istat tat-tnejjiet prattiċi għat-tkabbir futur taż-żona ta' l-euro, li nħarġu bejn Novembru 2004 u Lulju 2007².

2. L-ISTAT TAT-TNEJJIJET

2.1. Ċipru

2.1.1. *Kif se jiġu introdotti l-flus kontanti ta' l-euro fl-ekonomija Ċiprijotta u kif il-flus kontanti tal-liri Ċiprijotti se jiġu ritirati?*

L-introduzzjoni ta' l-euro f'Ċipru timplika li l-popolazzjoni ta' madwar 775 000 se jieħdu sehem fil-bidla mill-lira Ċiprijotta għall-euro, kemm jekk bħala individwi jew fi hdn l-intrapriża jew l-entità pubblika li jaħdmu fiha. Ir-responsabbiltà għall-introduzzjoni ta' l-euro f'forma fiżika u għall-irtirar tal-lira Ċiprijotta miċ-ċirkolazzjoni tinsab f'idejn il-Bank Ċentrali ta' Ċipru (CBC).

Il-karti tal-flus u l-muniti ta' l-euro meħtieġa

Sabiex tkun sostitwita l-munita f'ċirkolazzjoni, jiġifieri l-liri Ċiprijotti bi flus kontanti ta' l-euro, skond l-istimi tas-CBC huma meħtieġa 60.7 miljun karta tal-flus ta' l-euro (li jiswew €1 190 miljun) u 395 miljun munita ta' l-euro (li jiswew €100.26 miljun).

Skond id-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew li l-Istati l-ġodda li jidħlu fiż-żona ta' l-euro jistgħu jissellfu l-volumi meħtieġa f'karti tal-flus ta' l-euro mill-Eurosistema u jħallsuhom lura wara l-bidla b'karti tal-flus prodotti mill-arranġamenti ta' forniment li jagħmlu, is-CBC rċieva l-karti tal-flus ta' l-euro mill-Bank tal-Greċja matul Ottubru.

Il-muniti ta' l-euro Ċiprijotti kienu prodotti miz-Zekka tal-Finlandja, wara sejħa pubblika għall-offerti. Il-produzzjoni bil-massa bdiet hekk kif il-Kunsill iddeċieda, fil-10 ta' Lulju 2007, li Ċipru jista' jadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2008. Sa nofs Ottubru, madwar 60% tal-muniti kienu waslu permezz ta' kontejners ta' merkanzija mibgħuta bil-baħar, filwaqt li l-40% li fadal mistennija jiġu konsenjati sa tmiem Novembru.

Il-frontloading u s-sub-frontloading

Bil-għan tat-tnejjiet għal bidla tal-flus kontanti mingħajr problemi, is-CBS qed jimplementa operazzjoni ta' *frontloading* fejn iforni lill-banek kummerċjali b'karti tal-flus u b'muniti ta' l-

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-10 ta' Lulju 2007 skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat tal-KE dwar l-adozzjoni minn Ċipru tal-munita unika fl-1 ta' Jannar 2008, ĠU L 186, 18.7.2007, p. 29; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-10 ta' Lulju 2007 skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat tal-KE dwar l-adozzjoni minn Malta tal-munita unika fl-1 ta' Jannar 2008, ĠU L 186, 18.7.2007, p. 32.

² COM(2004) 748, 10.11.2004; COM(2005) 545, 04.11.2005; COM(2006) 322, 22.06.2006; COM(2006) 671, 10.11.2006; COM(2007) 434, 16.07.2007.

euro qabel jum l-€³. Il-*frontloading* beda fit-22 ta' Ottubru għall-muniti ta' l-euro u fid-19 ta' Novembru għall-karti tal-flus ta' l-euro. Is-CBS jistma li madwar 80% tal-valur tal-karti tal-flus ta' l-euro li se jiġu introdotti fl-ekonomija Ċiprijotta (jiġifieri, 48.4 miljun karta tal-flus, li jiswew madwar €950 miljun) se jkunu fornuti lis-settur bankarju qabel jum l-€, kif ukoll 64% tal-valur tal-muniti ta' l-euro (jiġifieri, 251.2 miljun munita, li jiswew madwar €64 miljun). L-operazzjoni ta' *frontloading* tinvolvi lill-madwar 900 fergħa bankarja kollha f'Ċipru (b'kull waħda taqdi medja ta' madwar 860 abitant).

F'pass li jmiss, il-banek kummerċjali jridu jiżguraw li l-intrapriżi involuti f'operazzjonijiet relatati ma' flus kontanti, u l-bejjiegħa bl-imnut b'mod partikolari, jirċievu l-flus kontanti ta' l-euro qabel jum l-€ (*sub-frontloading*) u jkunu jistgħu jagħtu bqija f'euro biss mid-data tal-bidla. Dan jikkontribwixxi biex jitnaqqas għall-minimu l-perjodu li matulu l-flus kontanti ta' l-euro u l-flus kontanti nazzjonali jintużaw parallelament. Id-detallji tas-*sub-frontloading* ġew stabbiliti fi ftehimiet bejn il-banek u l-klijenti tagħhom, fejn ġew iddefiniti ż-żminijiet tal-konsenji, id-data tad-debitu, il-kopertura assigurattiva meħtieġa u r-rekwiżiti kollaterali. Għalkemm is-CBC u l-banek kummerċjali huma attivi biex jispjegaw il-ħtieġa għas-*sub-frontloading* lill-intrapriżi kollha li jinneqgħaw bi flus kontanti, l-ewwel ordnijiet għal flus kontanti ta' l-euro min-naħa tan-negozji kienu ferm inqas mill-aspettattivi. Qed jittieħdu miżuri addizzjonali sabiex l-intrapriżi jingħataw inkoraġġiment, u dawn diġà qed juru riżultati pożittivi. Fil-31 ta' Diċembru, li se tiġi dikjarata btala speċjali għall-banek, il-banek se jagħmlu *sub-frontloading* lill-SMEs b'ammonti żgħar ta' flus kontanti ta' l-euro. L-isforzi sabiex ikun żgurat livell xieraq ta' *sub-frontloading* għandhom jittkomplew.

Bħala parti mill-operazzjoni ta' *sub-frontloading*, 40 000 kitt bil-muniti ta' l-euro ppakkjati minn qabel (kitts biex wieħed jibda) għan-negozji (li jiswew €172 kull wieħed) kif ukoll 250 000 kitts żgħar għall-pubbliku ġenerali (li jiswew €17.09 kull wieħed) se jkunu offruti mit-3 ta' Diċembru 2007. L-ippakkjar sempliċi tal-kitts intgħażel sabiex ikun żgurat li l-muniti se jintużaw għall-ħlasijiet u ma jinżammux bħala oġġetti ta' kollezzjoni.

Barra minn hekk, mill-1 ta' Novembru, uħud mill-banek jiskambjaw il-liri Ċiprijotti f'karti tal-flus ta' l-euro għall-klijenti tagħhom bir-rata ta' konverżjoni u mingħajr ħlasijiet tal-kambju, sabiex il-pubblika jista' jħejji ruħu għall-ħlasijiet bl-euro sa minn jum l-€.

L-introduzzjoni tal-flus kontanti fl-ekonomija mill-1 ta' Jannar 2008

Il-parti l-kbira tal-karti tal-flus ta' l-euro se jkunu diretti fiċ-ċirkolazzjoni permezz ta' l-ATMs. F'Ċipru madwar 550 ATM jitħaddmu minn istituzzjonijiet ta' kreditu, kważi kollha fi ħdan il-bini tal-banek li b'hekk ikunu jistgħu jerġgħu jimtew b'mod immedjat. Uħud mill-banek il-kbar ħabbru li jimplementaw il-konverżjoni ta' l-ATMs fil-lejla tal-31 ta' Diċembru. Mill-inqas 70 % ta' l-ATMs se jkunu konvertiti biex jagħtu esklussivament flus tal-karti ta' l-euro mhux aktar tard mis-1.00 a.m. f'jum l-€, filwaqt li t-30% rimanenti se jkunu konvertiti sa nofsinhar fl-istess jum. F'ċirkostanzi normali, l-ATMs kollha flimkien se jaqdu madwar 170 000 tranżazzjoni ta' għid ta' flus b'valur totali ta' madwar €22 miljun fil-ġimgħa (bejn wieħed u ieħor, data mill-2006).

Matul l-ewwel ġimgħat wara jum l-€, l-ATMs se jagħtu flus tal-karti ta' €10 u €20 biss, bil-għan li jnaqqsu l-ammont ta' bqija li l-bejjiegħa bl-imnut jkollhom jagħtu fi tranżazzjonijiet bi flus kontanti.⁴ Għall-istess raġuni, il-banek impenjaw irwieħhom li jqassmu biss karti tal-flus

³ Jum l-€ huwa l-jum meta l-karti tal-flus u l-muniti ta' l-euro jinħarġu fiċ-ċirkolazzjoni (l-1 ta' Jannar 2008 għal Ċipru u għal Malta).

⁴ Il-ħtiġiet ta' flus kontanti tal-bejjiegħa bl-imnut fl-ewwel jiem u fl-ewwel ġimgħat wara l-bidla se jkunu ferm ogħla milli f'ċirkostanzi normali, peress li l-flus kontanti nazzjonali li jagħtuhom il-klijenti ma jistgħux jużawhom aktar biex jagħtu l-bqija u peress li l-klijenti se jużaw il-flus kontanti nazzjonali għal

ta' denominazzjonijiet żgħar mill-kawnters tagħhom fl-ewwel perjodu wara jum l-€ (primarjament karti tal-flus ta' €5, €10 u €20, massimu ta' €50).

Is-settur tal-bejgħ bl-imnut se jkun il-mezz ewlieni sabiex jiġu introdotti l-muniti ta' l-euro fl-ekonomija, peress li l-għbid tal-muniti mill-kawnters tal-banek mhix xi ħaġa daqstant komuni. Sabiex ikun evitat kwalunkwe 'riċiklaġġ' tal-flus kontanti nazzjonali, is-settur tal-bejgħ bl-imnut mistenni jagħti bqija bl-euro biss minn jum l-€.

Ir-ritorn tal-flus kontanti nazzjonali

Rigward ir-ritorn tal-flus kontanti nazzjonali, is-CBC intensifika l-kampanja tiegħu biex jinkoraġġixxi liċ-ċittadini jużaw il-flus kontanti nazzjonali merfugħa jew jiddepożitawhom fil-banek f'Ottobru 2007. Is-CBC qed jistma li sa tmiem din is-sena 80.9 miljun karta tal-flus nazzjonali u 472.7 miljun munita nazzjonali se jkunu fiċ-ċirkolazzjoni. Huwa mistenni li l-parti l-kbira ta' dawn il-karti tal-flus u madwar nofs il-muniti xi darba se jiġu ritornati lis-CBC.

Fl-1 ta' Jannar 2008, li hija btala għall-banek, numru ta' fergħat bankarji li jinsabu f'postijiet ċentrali se jkunu miftuħin f'kull distrett sabiex jiffaċilitaw l-iskambju tal-lira Ċiprijotti f'euro.

Il-banek se jiskambjaw il-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Ċiprijotta f'euro bla ħlas sat-30 ta' Ġunju 2008, għal ammonti sa CYP 1 000 għal kull klijenti u għal kull tranżazzjoni fil-każ ta' karti tal-flus, u sa CYP 50 fil-każ tal-muniti. Is-CBC jibqa' jiskambja l-flus tal-karti nazzjonali sa għaxar snin wara jum l-€, u l-muniti sa sentejn wara din id-data, bla ħlas.

Iċ-ċekkijiet; it-terminali tal-POS

F'Ċipru, fis-sena, jintużaw madwar 25 miljun ċekk. Peress li ċ-ċekkijiet denominati fil-lira Ċiprijotta u li jgħibu d-data ta' wara l-31 ta' Diċembru 2007 mhux se jkunu validi, il-banek bdew ifornu lill-klijenti tagħhom b'kotba taċ-ċekkijiet f'euro, li diġà qed jintużaw.

Il-madwar 19 000 terminali ta' punt ta' bejgħ (POS) li jitħaddmu bil-lira Ċiprijotta se jaqilbu għall-euro fl-1 ta' Jannar 2008. Dawn il-POS li, pereżempju, jinsabu fir-restoranti u fil-lukandi u li għandhom jibqgħu jaċċettaw ħlasijiet bil-kards matul lejlet l-Ewwel tas-Sena, se jaqilbu immedjatament f'00:01 a.m. f'jum l-€.

Il-protezzjoni ta' l-euro mill-falsifikar

Ġie stabbilit il-qafas meħtieġ għall-protezzjoni ta' l-euro mill-falsifikar⁵. Esperti Ċiprijotti ħadu sehem ukoll f'azzjonijiet ta' taħriġ u fi gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kummissjoni, tal-Bank Ċentrali Ewropew u ta' l-Europol.

2.1.2. Kemm huma mhejjjin tajjeb l-intrapriżi għall-bidla?

F'Settembru 2007, f'Ċipru twettaq servej tal-Eurobarometer fost l-intrapriżi f'isem il-Kummissjoni Ewropea b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet Ċiprijotti, wara servej simili li twettaq f'Jannar 2007.⁶ Ir-riżultati jindikaw li l-intrapriżi Ċiprijotti huma mhejjjin sew għall-bidla u li ma esperjenzaw l-ebda problema sinifikanti matul it-tnejniet tagħhom. Sa nofs

finijiet ta' ħlas aktar mis-soltu sabiex jeħilsu minnhom mingħajr ma jkollhom imorru jiskambjawhom fil-banek. Jekk il-klijenti li jħallsu bl-euro diġà jużaw karti tal-flus ta' l-euro ta' denominazzjonijiet żgħar jew iħallsu l-ammont eżatt, il-bejjiegħa bl-imnut se jeħtieġu inqas bqija f'euro.

⁵ Ara r-Raba' Rapport, paġna 8:

(http://ec.europa.eu/economy_finance/euro/transition/transition_main_en.htm).

⁶ Ara l-Flash Eurobarometers 200 u 218. Is-servejs kollha tal-Eurobarometer huma disponibbli fuq http://ec.europa.eu/public_opinion/euro_en.htm.

Settembru 2007, kważi l-intrapriżi kollha (97%) kienu bdew iħejju għall-bidla; il-parti l-kbira minnhom bdew jaġhmlu dan minn April 2007 (88%).

Aktar minn 88% ta' l-intrapriżi kollha li jinnegozjaw bi flus kontanti fir-relazzjonijiet mal-klijenti tagħhom indikaw li jstennew li jkunu fornuti b'karti tal-flus ta' l-euro qabel jum l-€ mill-banek tagħhom. Erbgħa minn kull ħames intrapriżi (80%) jstennew li s-sistemi ta' l-IT tagħhom (eż. il-kontabbiltà, il-ħruġ ta' fatturi, is-sistemi ta' ħruġ ta' pagi) jkunu lesti sabiex jaqbilu għall-euro immedjatament fl-1 ta' Jannar 2008.

Aktar minn 9 minn kull 10 intrapriżi huma konxji li, minn Settembru 2007, il-prezzijiet kellhom jintwerew kemm f'euro kif ukoll fil-lira Ċiprijotta, u l-maġġoranza l-kbira ta' l-intrapriżi ma esperjenzaw l-ebda diffikultà partikolari biex jissodisfaw dan l-obbligu. Rigward il-politika ta' l-ipprezzar ta' l-intrapriżi, ir-riżultati tas-servej ta' Settembru jindikaw tendenza pożittiva. Meta jaġġustaw il-prezzijiet għall-euro, eż. il-prezzijiet psikoloġiċi bħal CYP 5.99 li minħabba l-applikazzjoni tar-regoli ta' konverżjoni jirriżultaw f'ammonti ta' euro mhumieq imqarrba lejn l-eqreb euro, 17% tan-negozji semmew li se jaġġustaw il-prezzijiet tagħhom prinċipalment 'l isfel (3% f'Jannar), filwaqt li 3% biss se jaġġustaw prinċipalment 'il fuq (16% f'Jannar). Barra minn hekk, il-perċentwal ta' dawk li se japplikaw eżattament ir-regoli ta' konverżjoni mingħajr aġġustamenti ulterjuri żdied minn 28% f'Jannar għal 51% f'Settembru.

2.1.3. X'miżuri qegħdin jittieħdu sabiex tkun evitata l-perċezzjoni ta' żidiet fil-prezzijiet fi żmien il-bidla?

Skond l-aktar Eurobarometer reċenti dwar l-opinjoni pubblika fuq l-euro, 74% tal-parteciċipanti f'Ċipru xorta għadhom jibzġhu minn żidiet fil-prezzijiet fl-okkażjoni tal-bidla għall-euro.⁷ Din hija biss bidla żgħira meta paragonata mas-sitwazzjoni f'April 2007, meta 78% kienu wkoll imħassba dwar dan.⁸

Tul l-aħħar xhur, l-awtoritajiet Ċiprijotti saħħew aktar il-miżuri tagħhom bil-għan li jikkontribwixxu għall-istabbiltà tal-prezzijiet u jtejbu l-kunfidenza tal-konsumaturi fi żmien il-bidla. Il-wiri doppju tal-prezzijiet fil-lira Ċiprijotta u fl-euro sar mandatorju għall-intrapriżi fl-1 ta' Settembru 2007. L-implimentazzjoni tiegħu qed jiġi mmonitorjat b'attenzjoni minn ħames Osservatorji ta' l-Euro stabbiliti mal-pajjiż kollu li jibagħtu aktar minn 100 spettur lil kull ħanut tal-bejgħ bl-imnut fuq bażi regolari. L-Osservatorji ta' l-Euro jikkonsistu minn għaxar membri, inkluż il-kummissarju distrettwali, ir-rappreżentanti tal-gvern, ta' l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, tat-trejdjunjins, u tas-settur tan-negozju. Mill-bidu, madwar 80% tal-bejgiegħa bl-imnut kollha applikaw korrettament il-wiri doppju skond ir-rekwiżiti legali stabbiliti mil-liġi nazzjonali, filwaqt li l-intrapriżi rimanenti ngħataw għajjnuna għal wiri doppju korrett. L-informazzjoni ġenerali dwar il-wiri doppju mandatorju hija pożittiva, u qed jitqies bħala li jagħti kontribuzzjoni għal aktar trasparenza fil-prezzijiet billi jstabbilixxi d-drawwa li l-prezzijiet jintwerew b'mod aktar ġenerali.

Madwar 7 130 intrapriża, inklużi partikolarment il-bejgiegħa bl-imnut u l-banek akbar fid-daqs, issottoskrivew għall-Kodiċi ta' l-Ipprezzar Ġust imniedi mill-gvern f'Lulju 2007. Dawn jitħallew juru l-logo tal-Kodiċi fil-ħwienet u fil-fergħat tagħhom, sakemm ikunu konformi mal-Kodiċi fejn impenjaw irwieħhom li jwettqu l-bidla b'mod ġust u li ma jfittxux vantaġġ minnha. Il-Ministeru tal-Fiinanzi ppubblika lista ta' negozji parteciċipanti fuq is-sit web ta' l-euro ta' Ċipru u fil-ġurnal uffiċjali. Il-Kodiċi huwa validu sa l-10 ta' Lulju 2008.

⁷ Il-Flash Eurobarometer 214, Settembru 2007.

⁸ Il-Flash Eurobarometer 207.

Il-Ministeri tal-Finanzi u tal-Kummerċ u l-Industrija, b'kooperazzjoni mas-Servizzi Statistiċi u ma' l-Assoċjazzjonijiet tal-Konsumaturi Pan-Ċiprijotti, bdew iwettqu monitoraġġ sistematiku tal-prezzijiet minn Settembru 2007. Is-Servizzi Statistiċi speċjalment jimmonitorjaw l-iżviluppi fil-prezzijiet relatati ma' basket ta' ċerti prodotti li, skond esperjenza mgħoddija f'pajjiżi oħra, jistgħu jkunu suġġetti għal żidiet fil-prezzijiet mhux iġġustifikati. Bil-għan li l-konsumaturi jiġu informati, darba fix-xahar qed jiġu ppubblikati listi ta' ħwienet tal-bejgħ bl-imnut li joffru l-iktar prodotti rħas.

Minbarra dan, l-Assoċjazzjoni tal-Konsumaturi ta' Ċipru qed twettaq u tippubblika servejs tas-swieq, fejn tanalizza l-iżviluppi fil-prezzijiet ta' madwar 80 000 oġġett fi 11 000 ħanut tal-bejgħ bl-imnut. L-ewwel riżultati mill-perjodu ta' bejn Lulju u Settembru 2007 jindikaw li l-prezzijiet ta' madwar 80% tal-prodotti baqgħu stabbli jew naqsu, filwaqt li kienu osservati żidiet fil-prezzijiet fi gradi differenti għall-20% rimanenti ta' l-oġġetti. L-Assoċjazzjoni biħsiebha tippubblika każi ta' żidiet sinifikanti fil-prezzijiet fil-midja, flimkien mar-raġunijiet għaż-żidiet fil-prezzijiet mogħtija mill-bejjiegħ bl-imnut ikkonċernat.

2.1.4. Kemm huma mhejjjin sew iċ-ċittadini għall-bidla?

Fl-aħħar xhur, Ċipru żjied b'mod sinifikanti l-isforzi komunikattivi tiegħu dwar l-euro. Il-Ministeru tal-Finanzi u s-CBC qed jikkoordinaw mil-qrib man-negozji u ma' l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi kif ukoll mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Bank Ċentrali Ewropew.

Il-pubbliku ġenerali ġie indirizzat permezz ta' kampanji fuq il-mass midja, parzjalment ifffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea. Il-messaġġi ewlenin jikkonċernaw l-iffissar tar-rata ta' konverżjoni, il-Kodiċi ta' l-Ipprezzar Ġust, il-wiri doppju tal-prezzijiet, l-infiq jew id-depożitu tal-flus kontanti nazzjonali merfugħa u t-tiġib fil-kuxjenza tal-konsumaturi. Il-kampanji twettqu fil-midja kolha, speċjalment it-televiżjoni (b'madwar 2 500 reklam), irradju (madwar 6 500 reklam) u l-istampa (madwar 200 reklam).

Il-materjal promozzjonali li jikkonċerna l-Kodiċi ta' l-Ipprezzar Ġust u l-wiri doppju tal-prezzijiet (posters, fuljetti, eċċ.) tqassam lin-negozji kollha, ingħataw preżentazzjonijiet fl-iskejjel u lill-ħaddiema soċjali u tnediet kompetizzjoni għall-iskejjel. Is-sit web nazzjonali dwar l-euro kien regolarment aġġorant u l-istampa kienet informat kostantement mill-awtoritajiet. Gruppi fil-mira speċifiċi (l-SMEs, il-persuni vulnerabbli, in-nisa, iż-żgħażaġh) qed jintlaħqu permezz ta' posters u ta' fuljetti u ta' 'kard li titkellem' għal dawk neqsin mid-dawl, u bl-għajnuna ta' l-Osservatorji ta' l-Euro u ta' erba' 'karożżi tal-linji ta' l-euro' li vvjaġġaw madwar il-gżira. Il-linja telefonika bla ħlas irċeviet madwar 500 telefonata fil-ġimgħa.

F'Awissu, l-awtoritajiet Ċiprijotti mmodifikaw l-istrateġija ta' komunikazzjoni u talbu lill-aġenzija ta' komunikazzjoni biex tbiddel il-kontenut tal-kampanji fuq il-mass midja sabiex jirrispondu b'mod aktar adegwat għall-ħtiġiet tal-gruppi fil-mira li jibqgħu xettiċi rigward il-benefiċċji ta' l-euro.

L-aktar servej ta' l-Eurobarometer reċenti kkonferma li l-appoġġ għall-euro f'Ċipru qed jiżdied għalkemm minn livell baxx: madwar 44% tal-parteciċipanti ddikjaraw li huma personalment ferm kuntenti jew pjuttost kuntenti li l-euro se tissostitwixxi l-munita tagħhom (minn 40% f'April 2007 u 32% f'Settembru 2006).

Jidher ġust li wieħed jassumi li l-kampanja ta' komunikazzjoni li għaddejja bħalissa f'Ċipru hija strumentali biex żdied l-appoġġ għall-euro. Fatturi oħra jkkonfermaw dan: 67% tal-parteciċipanti qalu li kienu pjuttost informati sew jew informati ferm sew li hija qabża kbira 'l quddiem mis-47% (April 2007) u mill-39% (Settembru 2006) preċedenti. Bl-istess mod, il-familjarità ma' wħud mill-fatturi ewlenin ta' l-euro u ta' l-EMU tjebet ulterjorment.

2.1.5. Konklużjoni

Fl-aħħar ftit xhur, Ċipru għamel progress konsiderevoli rigward it-tnejjet prattiċi għall-bidla u jidher li b'mod ġenerali huwa mħejji sew għall-introduzzjoni ta' l-euro. Sabiex in-negozji, b'mod partikolari l-bejjiegħa bl-imnut, ikunu jistgħu jagħtu bqija esklussivament f'euro minn jum l-€, il-Bank Ċentrali u l-banek għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jikkonvinċu lin-negozji bil-ħtieġa li jkunu *sub-frontloaded*. L-attivitajiet komunikattivi dwar l-euro għandhom jissaħħu aktar sabiex jizjed l-apoġġ għall-euro.

2.2. Malta

2.2.1. Kif se jiġu introdotti l-flus kontanti ta' l-euro fl-ekonomija Maltija u kif se jiġu rtirati l-flus kontanti tal-liri Maltin?

F'Malta, popolazzjoni ta' madwar 400 000 se taqleb mil-lira Maltija għall-euro. Skond l-istimi tal-Bank Ċentrali ta' Malta (CBM), 41.51 miljun karta tal-flus ta' l-euro (li jiswew €799 miljun) u 140 miljun munita ta' l-euro (li jiswew €39.29 miljun) huma meħtieġa sabiex jissostitwixxu l-munita f' liri Maltin f' ċirkolazzjoni.

Is-CBM issellef il-volumi meħtieġa ta' karti tal-flus ta' l-euro mill-Banca d'Italia. Il-muniti ta' l-euro Maltin kienu prodotti mill-Monnaie de Paris u waslu f'Malta bejn nofs Settembru u tmiem Ottubru 2007.

Il-*frontloading* tal-flus kontanti ta' l-euro lill-banek kummerċjali beda fil-15 ta' Settembru. B'kollox madwar 92.5% tal-karti tal-flus li se jiġu introdotti fl-ekonomija Maltija (38.43 miljun karta tal-flus, li jiswew €749 miljun) u madwar 71% tal-muniti ta' l-euro (99.12 miljun munita, li jiswew €27.81 miljun) se jkunu fornuti lill-107 fergħa bankarja mal-pajjiż kollu qabel jum l-€.

Skond l-istimi tas-CBM, 4.5% tal-karti tal-flus li għandhom jiġu introdotti u 19.5% tal-muniti se jkunu fornuti lin-negozji qabel jum l-€ mill-banek tagħhom skond ftehimiet ta' *sub-frontloading* mill-1 ta' Diċembru 2007. Dawn l-istimi jinkludu 33 000 kitts biex wieħed jibda għan-negozji (li jiswew €131 kull wieħed) u 330 000 kitts żgħar għaċ-ċittadini (li jiswew €11.65) li se jkunu disponibbli fil-banek mill-1 u mill-10 ta' Diċembru 2007, rispettivament.

Madwar 60% ta' l-ATMs kollha (154 b'kollox) se jagħtu flus tal-karti ta' l-euro f'denominazzjonijiet żgħar (prinċipalment €10 u 20) mill-1 ta' Jannar 2008 f'0:00. Sa nofsinhar ta' l-istess jum, bejn 85 u 90% ta' l-ATMs se jagħtu karti tal-flus ta' l-euro, filwaqt li l-ATMs rimanenti se jkunu konvertiti sa l-16:00. Bejn wieħed u ieħor, l-ATMs kollha jaqdu 306 000 ġbid ta' flus fil-ġimgħa, b'valur totali medju ta' €26.55 miljun.

Meta jitqies li Malta għandha ammont partikolarment għoli ta' flus kontanti fiċ-ċirkolazzjoni, is-CBM nieda kampanja ta' reklami fuq it-televiżjoni u fl-istampa f'Settembru 2007, biex jinkoraġġixxi lill-pubbliku ħalli jiddepożita l-flus kontanti eċċessivi fil-banek, sabiex jitnaqqas il-volum tal-flus kontanti nazzjonali li jkollhom jiġu skambjati wara jum l-€. Qed jiġi stmat li l-flus kontanti nazzjonali f' ċirkolazzjoni li għandhom jiġu ritornati lis-CBM mill-1 ta' Jannar 2008 jammontaw għal madwar 37 miljun karta tal-flus u 128 miljun munita.

Mill-1 ta' Diċembru, il-banek impenjaw irwieħhom li jiskambjaw il-karti tal-flus u l-muniti tal-liri Maltin f'euro, bla h'as, bir-rata ta' konverżjoni, skond kemm ikun hemm karti tal-flus ta' l-euro disponibbli. Dan huwa prinċipalment maħsub sabiex in-negozji ż-żgħar ikunu jistgħu jakkwistaw xi flus tal-karti tal-flus ta' l-euro qabel il-bidla. Il-pubbliku ġenerali se jiġi mfakkar li l-euro se ssir il-valuta legali biss mill-1 ta' Jannar 2008. Minn dik id-data sal-31 ta' Marzu 2008, il-banek kummerċjali se jiskambjaw il-flus kontanti nazzjonali f'euro bla h'as skond ir-rata ta' konverżjoni għall-klijenti tagħhom u sa MTL 250 (€582.34) għal dawk li

mhumieix klijenti tagħhom. Is-CBM se jkompli jiskambja l-muniti u l-karti tal-flus tal-liri Maltin sa l-1 ta' Frar 2010 u sa l-1 ta' Frar 2018, rispettivament.

Il-banek se jkunu miftuħa fil-31 ta' Diċembru u se jkunu magħluqa fl-1 ta' Jannar bħas-soltu. Fit-2 u fit-3 ta' Jannar, se jieħdu ħsieb biss it-tranżazzjonijiet ta' fuq il-kawnter mal-pubbliku għal depożiti ta' flus kontanti, skambju ta' munita barranija u skambji f'euro. Fl-4 u fil-5 ta' Jannar, is-sigħat bankarji normali se jkunu estiżi sa l-16:00. Matul is-sigħat estiżi se jkunu negozjati biss depożiti ta' flus kontanti, skambju ta' munita barranija u skambji f'euro.

F'Malta jintużaw madwar 12-il miljun ċekk fis-sena. Iċ-ċekkijiet maħruġa f'liri Maltin li jġibu d-data ta' qabel l-1 ta' Jannar 2008 se jiġu aċċettati għal ħlas għall-perjodu normali ta' validità ta' sitt xhur mid-data ta' meta nħareġ, sakemm ma jkunx indikat perjodu iqsar. Iċ-ċekkijiet relatati ma' kontijiet denominati b'MTL u maħruġa f'euro qabel l-1 ta' Jannar 2008 se jkunu onorati mill-banek kummerċjali jekk ikunu preżentati wara dik id-data.

Ġie stabbilit il-qafas meħtieġ għall-protezzjoni ta' l-euro mill-falsifikar⁹. Esperti Maltin ħadu sehem ukoll f'azzjonijiet ta' taħriġ u fi gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kummissjoni, tal-Bank Ċentrali Ewropew u ta' l-Europol.

2.2.2. *Kemm huma mhejjjin sew l-intrapriżi għall-bidla?*

Fit-tieni nofs ta' Awissu u kmieni f'Settembru, il-Kumitat Nazzjonali għall-Bidla għall-Euro (NECC), b'kooperazzjoni ma' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, wettaq servej dwar l-istat tat-tnejniet għall-euro fis-settur tan-negozju Malti.¹⁰ Kważi id-908 intarpiża kollha (li jirrappreżentaw popolazzjoni ta' 16 500) li pparteċipaw fis-servej (98%) kienu jafu li l-euro se tiġi introdotta fl-1 ta' Jannar 2008, u maġġoranza ta' 56% kienu konxji li l-perjodu ta' ċirkolazzjoni doppja, li matulu jistgħu jibqgħu jaċċettaw ħlasijiet fil-lira Maltija, huwa ta' xahar. Disgħa minn kull għaxar intrapriżi kienu konxji li l-bqija għandha tingħata esklussivament f'euro minn jum l-€.

Il-maġġoranza ta' l-intrapriżi (55%) kienu qed jistennew li jirċievu l-flus kontanti ta' l-euro mill-banek tagħhom qabel l-1 ta' Jannar 2008. Fost it-33% li ma kinux qed jippjanaw li jiġu *sub-frontloaded*, aktar minn terz (37%) jew diġà għandhom flus kontanti ta' l-euro jew se jiksuhom mill-ATMs jew mill-banek f'Jannar, filwaqt li kwart (26%) ma jagħmlux tranżazzjonijiet bi flus kontanti.

Rigward is-sistemi ta' l-IT li jeħtieġ li jiġu modifikati minħabba l-bidla, l-intrapriżi l-aktar li semmew ta' spiss kienu s-sistemi fil-qasam tal-loġistika, bl-applikazzjonijiet tal-bejgħ u tal-kummerċjalizzazzjoni, u bis-sistemi tal-kontabbiltà u tar-riżorsi umani jsegwuhom. Madwar terz ta' l-intrapriżi (31%) sa dak iż-żmien kienu diġà aġġornaw is-sistemi ta' kontabbiltà tagħhom minħabba l-euro. Din il-figura tidher pjuttost baxxa, imma wieħed jeħtieġ li jqis li sehem konsiderevoli ta' l-intrapriżi Maltin huma negozji żgħar (72% tan-negozji kollha huma persuni impjegati għal rashom bl-ebda impjegat jaħdem magħhom, fejn, ġeneralment, ma jintużawx sistemi ta' l-IT għall-kontabbiltà).

In-NECC imbarka fuq programm intensiv ta' taħriġ għan-negozji, fejn 70 assistent ta' l-euro qed iħarrġu direttament lis-settur ta' l-SMEs, filwaqt li n-NECC adotta metodu ta' 'taħriġ għal min iħarreġ' sabiex fin-negozji li jkunu akbar fid-daqs il-ħaddiema li jkunu ħadu t-taħriġ ikunu jistgħu jgħadduh lil sħabhom.

⁹ Ara r-Raba' Rapport, paġna 11.

¹⁰ Ara <http://www.euro.gov.mt/page.aspx?ID=590>.

2.2.3. *Liema miżuri qed jittieħdu sabiex tkun evitata l-perċezzjoni ta' żidiet fil-prezzijiet fi żmien il-bidla?*

Madwar żewġ terzi tal-popolazzjoni Maltija (65%) għadhom jibżgħu minn żidiet fil-prezzijiet fl-okkażjoni tal-bidla għall-euro, u 76% saħansitra jistennew abbużi fil-prezzijiet. Sabiex ikunu indirizzati dawn il-biżgħat, in-NECC qed ikompli jimplimenta ġabra komprensiva ta' miżuri.¹¹ Il-wiri doppju tal-prezzijiet fil-lira Maltija u fl-euro, sar mandatorju fil-11 ta' Lulju 2007, u se jkompli jkun mandatorju sat-30 ta' Ġunju 2008. L-inizjattiva FAIR, fejn aktar minn 6 500 negozju (li jirrappreżentaw madwar 80% tal-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut) impenjaw irwieħhom li ma jżidux il-prezzijiet ta' l-oġġetti u tas-servizzi “ minħabba li għaddejja bidla monetarja”, kienet ikkomplimentata minn Ftehimiet ta' Stabbiltà tal-Prezzijiet li n-NECC ikkonkluda ma' numru ta' importaturi, distributuri u manifatturi f'Awissu u f'Settembru 2007. Skond dawn il-ftehimiet, in-negozji wegħdu li jżommu l-prezzijiet stabbli għal firxa wiesgħa ta' prodotti u ta' servizzi matul ċertu perjodu qabel u wara l-bidla. Il-monitoraġġ tal-prezzijiet li bħalissa qed jimplimentaw l-awtoritajiet Maltin jibqa' kruċjali sabiex ikunu vvalutati l-iżviluppi fil-prezzijiet u sabiex il-konsumaturi jkunu informati, u għandu jibqa' għaddej matul l-2008 kollha meta l-inizjattiva FAIR u l-wiri doppju tal-prezzijiet ikunu ntemmu.

2.2.4. *Kemm huma mħejjin sew iċ-ċittadini għall-bidla?*

In-NECC, li huwa responsabbli mill-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' komunikazzjoni rigward il-bidla f'Malta, nieda, wara pawża qasira matul Awissu 2007, kampanja ta' l-aħħar fażi intensiva u komprensiva dwar l-‘immedjatezza’ ta' l-introduzzjoni ta' l-euro (eż. meta għandhom jiġu depożitati l-liri Maltin, kif jintuża l-konveritur ta' l-euro). Parti minn din il-kampanja qed tiġi ffinanzjata mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-kampanja fil-mass midja, li qed issir fil-gazzetti, fir-rivisti, fir-radju, fit-televiżjoni, fuq ix-xelters tal-karozzi tal-linja u fuq il-billboards hija appoġġjata minn azzjonijiet speċifiċi lejn gruppi fil-mira magħżula: fil-paroċċi ġie stabbilit ‘ċentru ta' l-euro’ sabiex iwieġeb il-mistoqsijiet ta' l-abitanti tal-post, kien żviluppat kitt għal dawk li qed iħħarġu lill-persuni vulnerabbli u għas-settur tan-negozju u tnediet kompetizzjoni għall-iskejjel sekondarji dwar il-euro. Azzjonijiet oħra jinkludu tliet arloġġi kbar li jimmarkaw kemm għad fadal żmien sal-bidla għall-euro li tqiegħdu f'postijiet strateġiċi f'Malta u “aħbarijiet relatati ma' l-euro” ta' 1.5 minuta kuljum, fil-bullettin ta' filgħaxija ta' l-aħbarijiet fuq l-istazzjonijiet ewlenin tat-televiżjoni f'Malta. F'Ottubru, Malta, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Bank Ċentrali Ewropew, organizzat konferenza dwar l-EMU u dwar l-euro.

L-aktar servej reċenti ta' l-Eurobarometer ta' Settembru 2007 juri riżultati ferm inkoraġġanti għal Malta li jikkonfermaw is-suċċess ta' kampanja ta' komunikazzjoni intensiva u komprensiva mill-awtoritajiet. It-tendenza tibqa' pożittiva u l-appoġġ għall-euro laħaq livell tajjeb. 56% (meta paragonati ma' 54% f'April 2007 u 48% f'Settembru 2006) iddikjaraw li personalment huma ferm kuntenti jew pjuttost kuntenti li l-euro se tissostitwixxi l-munita tagħhom li huwa t-tieni l-oġġla valur fil-pajjiżi konċernati. Madankollu, il-livell ta' appoġġ jibqa' sostanzjalment aktar baxx mill-Islovenja fl-istess perjodu.

L-impatt tal-kampanja ta' komunikazzjoni li għaddejja bħalissa f'Malta huwa viżibbli anki f'oqsma oħra. Il-livell tajjeb ta' informazzjoni dwar awtoperċezzjoni li ġie mkejjel f'April ta' din is-sena tjiieb aktar, għalkemm bi ftiit: 74% tal-parteciċipanti qalu li jqisu li huma pjuttost informati sew jew informati ferm sew meta paragonati mal-71% preċedenti. 99% tal-

¹¹ Ara l-Ħames rapport, paġna 7: (http://ec.europa.eu/economy_finance/euro/transition/transition_main_en.htm).

parteċipanti jafu li l-euro se tiġi introdotta fl-2008. Il-familjarità ma' wħud mill-karatteristiċi ewlenin ta' l-euro u ta' l-EMU tjebet bi ftit.

2.2.5. *Konklużjoni*

Fl-aħħar ftit xhur, Malta rfinat aktar u kkompletat it-tnejniet prattiċi tagħha għall-bidla u tidher imħejjija sew għall-introduzzjoni ta' l-euro. Sabiex in-negozji jkunu jistgħu jagħtu bqija esklussivament fl-euro minn jum l-€, għandha tingħata attenzjoni partikolari sabiex ikun żgurat livell xieraq ta' *sub-frontloading*. L-attivitajiet komunikattivi komprensivi rigward l-euro għandhom jtkomplew sabiex jiżdied aktar l-appoġġ għall-euro.

2.3. Stati Membri oħra

Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni meħmuż ma' dan ir-rapport jipprovdi stampa ġenerali tat-tnejniet prattiċi fl-Istati membri l-oħra li għad iridu jadottaw l-euro.